

# PROGRAMM

TAL-FESTA TA'

# SAN GILJAN

1 ta' Settembru 1974

INQADDSU

JUM IL-FESTA

BI

TQARBINA



# DAINA MOTOR BUS COY. LTD.

156/157, OLD COLLEGE STREET SLIEMA

Props ANT. GRECH & SONS

**DIAL 30621 & 33685**

**WE DISTIL WAT
AND SUPPL
SULPHURIC A
G.K.N. BOLT
BRAKE LININ
ECLIPSE BLAD
PRESTO DRIL**

**Sub Agents for:**

**NATIONAL
EMPLOYER
MUTUAL
INSURANC**



**SPECIAL
MERCEDES COACHES
36 SEATERS
AVAILABLE
DAY & NIGHT
AT REASONABLE
PRICES**

**We can
Transport Passengers
to COMINO
and to GOZO in
PERKINS CRUISER**

**WE can organize tours round the Island with Guides.**

*If you want to be in time, safe, sure and comfortable, you have to hire a special Mercedes Coach from the above firm.*

# The town-and-country cooker.

This Philips cooker works on kerosene. That means it's safe, inexpensive and—most important of all—you can use it anywhere. It has a low pressure gasifier which turns low-cost kerosene into real gas for safe odourless cooking.

Just light the pilot burner and the rest **is automatic.**



**PHILIPS**

# NAWGURAW FESTA SABIHA

LIL

# GILJANIZI

KOLLHA

SAN ĠILJAN W.P.C.

# SAN GILJAN W.P.C.

ĊENTRU GĦAN-NIES TA'

# SAN GILJAN

SĦUBIJA — £M1 BISS FIS-SENA

IDĦOL MEMBRU INT UKOLL

# BALLUTA W.P.C. JAGHLAQ 25 SENA

## 1949-1974

Il-ftuħ uffiċjali tal-Balluta W.P.C. sar f'Lulju 1949 u tim dak is-Sajf ħa sehem fit-Tieni Diviżjoni li huwa rebaħ biex b'hekk seta' jilgħab fl-Ewwel Diviżjoni s-sena ta' wara.

Ma' tul ix-xitwa ta' qabel, kien sar ħafna xogħol mill-kumitat li kien ġie elett nhar il-Ħadd, 3 ta' Ottubru 1948 minn fost 22 membru li kienu ltaqgħu fil-bar, "City of London".

Sa minn tliet snin qabel, fis-Sajf tal-1946, sena biss wara li kienet intemmet il-gwerra, iż-żerriegħa li minnha nibtu l-Balluta, kienet ġiet mixħuta fil-ħamrija.

Kienu ftit tfal, taħt il-ħarsien għaqli tas-Sur Joseph Tanti, li xtaqu li jkollhom tim għalihom u li ma jkollu x'jaqsam xejn maż-żewġ klabbijiet l-oħra ta' San Ġiljan, in-Neptunes u St. Julian's.

Għall-ewwel it-tim semmewh "Ta Werwer" u għadna sallum inkantaw: "Dan it-tim Ta' Werwer, li jwerwer lil kulħadd, eċċ." Tistgħu taħsbu x'setgħu iwerwru erbat itfal, bil-ħsejjes tal-bombi u l-ajruplani għadhom f'widnejhom, nexfin għuda, bla kumitat u bla post fejn jiltaqgħu!

It-tim ħa l-isem Balluta u fl-ewwel tliet snin ħa sehem fil-Boys League kif ukoll fit-tieni Diviżjoni. Iżda l-aqwa ħaġa li għa mel kienet li ġibed l-interess u s-simpatija ta' ħafna Ġiljaniżi li għaqqdu l-kumitat, għamlu biċċa siment fejn nafuh illum biex fis-sajf tal-1949 raw ix-xitla tinbet.

Fl-1950, Balluta lagħbu għall-ewwel darba fl-Ewwel Diviżjoni u spiċċaw it-tieni.

L-istess ġara fl-1951 u b'ferħ kbir, it-tfal rebħu l-Boys League.

L-1952, kellha tkun is-sena li tat-il-frott tal-ħidma. Balluta saru champions għall-ewwel darba u rebħu wkoll il-Kitty Kola Cup li kellha l-bidu tagħha dik is-sena. Ma hemmx għalfejn ngħidu xi briju kellna dik is-sena fil-marċ tal-festa!

Wara dan, il-Balluta rebħu l-League fil-1958, 1963 1965 u 1966 u l-Kitty Kola Cup fl-1959, 1961, 1963 u 1968.

L-iżjed sena li fiha l-Balluta kisbu l-aktar unuri kienet fl-1963 meta rebħu l-League u n-Knock Out tal-Ewwel Diviżjoni u t-tfal rebħu l-Boys League.

Għaddew 25 sena, u f'għeluq dan il-Ġublew tal-Fidda, il-Balluta ħa issa l-isem li aktar jixraqlu ta' San Ġiljan W.P.C. li unanimament il-membri għażlu nhar il-Ħadd, 16 ta' Ġunju 1974.

Bl-isem il-ġdid, bis-Sur Carm Borg (wieħed mit-tfal tal-1946) fit-treġija tat-tim, bil-fundatur is-Sur Joseph Tanti li għadu jagħti sehmu, bil-ħidma tal-kumitat, bir-rieda tal-players u l-interess tas-supporters, nistgħu inħarsu 'l quddiem lejn ħafna snin li, fihom nittamaw li niksbu s-suċċessi.

Anthony P. Scicluna




# Though all Renaults don't look alike they all have the same objective. To help the motorist.

85 mph, 100 mph, 112 mph they all have a different performance, a different shape, a different job to do, and they even all have a different personality.



All Renaults are lively: they all have flexible engines that pick up quickly (whatever their capacity) that are sturdy and economical, designed to take on all you need them to.



**KIND'S**

**GZIRA**

**Tel: 30031.**



**RENAULT**

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

*Għeżież Ġiljaniżi,*

Reġgħet magħna 'għal darb'oħra l-festa tal-għażiż patrun tagħna San Ġiljan. Kull sena nippruvaw nagħtu xi aspett ġdid lill-festa, barra mill-attivitajiet tradizzjonali li issa saru ħaġa waħda mal-festi titulari tal-parroċċi.

Din is-sena qegħdin niċċelebraw is-Sena Mqaddsa, s-Sena tal-Ġublew. Il-Qdusija tiegħu il-Papa jixtieq li l-insara tad-dinja kollha f'din l-okkażjoni JIRRIKONĊILJAW ruħhom ma' Alla u ma ħuthom il-bnedmin. Aħna wkoll nilqgħu l-istedina tal-Papa u minn żmien għall-ieħor matul is-sena nippruvaw inwettqu xi ħidma għal dan il-għan. Jidhirli li l-festa hija okkażjoni mill-isbaħ biex nersqu lejn Alla u lejn xulxin. Għandna eżempju sabiħ tal-qaddis patrun tagħna San Ġiljan li permezz tal-karita u tal-penitenza rrikonċilja ruħu ma' Alla u mal-proxxmu wara l-ħtija.

Din is-sena, bħal ma taraw fil-programm aktar 'il quddiem f'dan il-pamphlet, sa nifthu l-ġimgħa tal-festa propju b'pellegrinaġġ penitenzjali b'dan l-iskop. U din in-nota għalkemm fil-ferħ taċ-ċelebrazzjonijiet matul il-granet tal-festa, qatt m'għandha taħarbilna minn quddiem għajnejna.

Għalhekk ħadd m'għandu jħalli l-festa tgħaddi mingħajr ma jersaq lejn il-qrar u t-tqarbin. Għax huwa permezz ta' dan is-sagrament li aħna nersqu lejn Alla u ningħaqdu bejnietna. Żgur li San Ġiljan mis-sema jkun sodisfatt meta jara l-membri tal-parroċċa li żżommu b'għożża kbira bħala Patrun tagħha magħqudin flimkien permezz tal-Ewkaristija bħal ma l-membri tal-familja jduru mal-mejda biex jieklu flimkien.

J'Alla l-festa li dalwaqt sa niċċelebraw tkun okkażjoni oħra biex nifhmu aħjar is-sejħa tagħna ta' nsara u biex ngħixuha aktar fil-milja tagħha.

Il-Bambin iberikkhom. *IL-KAPPILLAN*


# J.&D. DALLI

**STOCKHOLDERS of BUILDING MATERIAL**

**2, JETTIES WHARF,**
**MARSA** **Tel. 26845**

# A. BONELLO & CO.

**AGENTS**

**DISTRIBUTORS**

**SIMONDS FARSONS CISK LTD.**

**G Z I R A**

TEL. 30447

# BONELLO'S BUTCHER

**ROSS STREET, ST. JULIAN'S**

FIRST CLASS BUTCHER

**ORDERS BY TELEPHONE ACCEPTED**

**AND DELIVERED FREE**

**Dial: 35174**

**GĦAL KULL BŻONN TAL-MARA TAD-DAR**

# EDDIE'S STORE

**154 old College Str.,**
**Sliema**

**Phone 33178**

**GENERAL GROCERY**

**Ordnijiet bit-telephone**
**imwassla d-dar**
**b'xejn**

# GARB

## BOUTIQUE

**Ladies' & Gents'**
**Latest**
**Fashionware**

BISAZZA STR. SLIEMA
(Opposite Wimpey)

**Tel. 30507**


The world's largest selling gin.
FROM ENGLAND
GORDON'S
DRY GIN
DISTILLERY,
LONDON.
ENGLAND

THE BEST TEA

LION BRAND
FINEST PURE TEA

A. CACHIA STORE

**Wholesale & Retail**

Sales of:

**Bathrooms, Geysers,**
**Tiles, Pipes,**
**Stainless Steel Sinks**

**347, RUE D'ARGENS,**
**GŻIRA Tel. 32523**

ZAMMIT GARDENS HAMRUN

**Tiżjin ta' Swali**
**Bukketti għat-Tiġijiet**
**Kuruni u Fjuri Sfużi**

Żgur li ma jaqdik ħadd bħal
**ZAMMIT GARDENS**
ta'
**48, St. Joseph High Road**
**Hamrun Tel. 25744**

YOU'LL BE HAPPY TO OWN A

# TELEFUNKEN

# TELEVISION

- OUTSTANDING QUALITY
- PERFORMANCE
- RELIABILITY

Telefunken Agency:

# L. MIFSUD

**330 PRINCE OF WALES Rd., SLIEMA**

**29 A/D ST. TROPHIMUS STR., SLIEMA**

**DIAL 30130**



AQUARIA W HUT TROPIKALI

AKKWARJUMALTA
"J" Testaferrata Str., Msida

PJANTI ORNAMENTALI
TA' ĠEWWA D-DAR W
AĊĊESORJI TAL-PJANTI

AKKWARJUMALTA
"J" Testaferrata Str., Msida

Tel. 35214

FOR THE BEST VALUE IN FOOD

Delivery Anywhere

SPINOLA

SELF-SERVICE

ST. JULIAN'S Tel. 35962

RTC Neonglow Limited

Manufacturers of: **Neon Signs, Illuminated plastic signs, Traffic and Commercial material and engraved plastic name plates.**

Suppliers of Telecommunication Equipment, Hall Porter Systems & Closed Circuit Television,

Enquiries:

**RTC NEONGLOW LTD.**

**Industrial Estate, Marsa. Tel. 26979, 22753**

**FREE HOT WATER!**

**with BEASLEY**

**SOLAR HOT WATER SYSTEM**

More and more people in Malta now enjoy an abundant supply of free hot water simply by using HEAT FROM THE SUN as sole heating agent.

There is a BEASLEY solar hot water system to meet your requirements, whether you are a family of two or more. This system is simple to install, even in conjunction with an existing hot water plumbing installation.

★ **Enjoy abundant supply of hot water**

★ **Save on your gas/electricity bills**

**INSTALL A BEASLEY solar hot water system TODAY and you really get SOMETHING FOR NOTHING!**

**Demonstrations and free expert advice at:**

Bim LIMITED

**BIM LTD. INDUSTRIAL ESTATE,**

**MARSA. TEL. 25411, 26170**

# IL-ĦAJJA SOĊJALI F'SAN ĠILJAN

Ħdejn nazzjonijiet oħra Malta tidher verament żgħira, imma xorta waħda għandha l-kwalitajiet li jiddistingwuha minn pajjiżi oħrajn. Imbagħad anke f'Malta stess, kull parroċċa għandha l-karatteristiċi li jagħmluha dik li hi.

Il-parroċċa ta' San Ġiljan ukoll għandha ħajja soċjali differenti minn parroċċi oħra. Bl-iżvilupp li sar f'dawn l-aħħar għaxar snin, is-soċjeta Ġiljaniża qiegħda ta' kuljum tinbidel, kemm f'dak li jirrigwarda n-nies kif ukoll l-ambjent.

Il-poplu Ġiljaniż jista faċilment jinqasam f'żewġ kategoriji:

(a) Dawk il-familji li twieldu, għexu u trabbew hawn stess. Dawn issibhom jgħixu fil-qalba tal-parroċċa (madwar il-knisja), u mferrxin 'l-barra wkoll b'karattru ftit jew xejn konservattiv (b'mod ġenerali).

(b) Dawk il-familji li daħlu f'pajjiżna bħala riżultat li nbnew aktar djar biex jakkomodawhom. Dawn il-paruċċani 'ġodda' jgħixu mferrxin ma' San Ġiljan kollu fi djar, villel u 'flats'.

Issa, b'dawn iż-żewġ kategoriji ma rridux nifhmu li hawn xi segregazzjoni razzjali f'pajjiżna — altru! Anzi jidher ko-ordinament sħiħ bejn il-parruċċani kollha. Pero dawn iż-żewġ kategoriji li rajna huma rejali u ma nistgħux naħarbu minnhom. Biex nitkellmu fuq affarijiet oħra, irridu nżommu dak li għidna f'moħħna.

B'hekk rajna kif dawn iż-żewġ mentalitajiet kellhom bilfors jitħalltu ma' xulxin sabiex jiffurmaw mentalita' waħda. Din il-bidla għadha qed issir issa wkoll u ddum sakemm l-espansjoni tal-popolazzjoni tieqaf.

Ħaġa oħra li hi predominanti f'San Ġiljan huwa l-iżvilupp urbanistiku li sar l-aktar f'dawn l-aħħar għaxar snin. F'postijiet fejn is-soltu kont tfittixhom għal ftit arja friska jew xi passiġġata illum kollha maħunqin bi djar u vilel ġoddo. Ma tridx tkun ta' xi tmenin sena biex tinduna kif inbidlu s-Swieqi, Ta' Ġiorni, il-Kappara u l-Mensija, biex insemmu l-aktar postijiet magħrufin.

Rigward l-aspett rikrejattiv, San Ġiljan huwa wieħed minn dawk il-pajjiżi li fih l-istaġun tas-sajf huwa differenti ħafna minn żminijiet oħra. Minħabba dan, donnu l-poplu kollu jieħu bixra oħra fis-sajf. Il-baħar għal-Ġiljaniżi qiesu x-xmara Ganges għal-Indjani-fis-sajf speċjalment tal-parruċċani Ġiljaniżi, il-baħar, il-'waterpolo', u l-festa titulari tista tgħid li jiġu dejjem qabel kollox.

Interessanti anke nkunu nafu ftit il-mod kif il-maġġuranza tal-Ġiljaniżi jqattgħu fil-għaxija: prinċipalment id-dar mal-familja jew (l-irġiel) fil-każini li hawn fil-parroċċa tagħna. Fis-sajf sintendi storja oħra: ħdejn il-baħar jew fil-Klabb tal-'waterpolo' San Ġiljan.

Fuq il-ħajja tax-xogħol, ma tista tgħid xejn ħlief li hawn

*(ikompli f'paġna 16)*

# P R O G

**IT-TNEJN 26 t'Awissu: JUM TA' RIKONĊILJAZZJONI** Kunċizzjoni

7.00 p.m. Tluq ta' pellegrinaġġ mill-~~Bon Kunsill Pace Ville~~ u mill-Knisja l-Qadima ta' Lapsi għall-Pjazza tal-Qalb ta' Ġesù, Spinola.

Malli jaslu l-pellegrinaġġi toħroġ il-vara ta' San Ġiljan mill-Knisja akkumpanjata mill-Iscouts. Mal-wasla tal-vara fil-pjazza issir Quddiesa Konċelebrata bi tqarbina ġenerali.

Wara l-Quddiesa il-vara tiġi akkumpanjata sal-knisja mill-banda ta' San Ġiljan. In-nies huma mitluba li jikkumpanjaw il-vara wkoll b'korteo "aux flambeaux".

N.B. Fil-għaxija ma jkunx hemm quddies la fil-parroċċa, la fil-Knisja l-Qadima u lanqas fil-Kunċizzjoni.

**IT-TLIETA 27 t'Awissu: JUM IT-TFAL**

6.30 p.m. Quddiesa għat-tfal kollha tal-parroċċa li fiha isiru offerti mit-tfal stess għat-tfal tal-Istitut ta' San Ġużepp, Ħamrun.

Wara l-Quddiesa Laqgħa Rikreattiva għat-tfal fis-St. Julian's Hall. Ikun hemm' 1. Quiz fuq San Ġiljan.
2. Buzullotti.
3. Kant Folk.

Tingħata borża ħelu lit-tfal kollha li jiġu.

**L-ERBGĦA 28 t'Awissu: JUM L-GĦAQDIET**

7.00 p.m. Quddiesa Konċelebrata miċ-chaplains tal-għaqdiet flimkien ma' Dun Philip Grech S.D.B., Assistent Ekklesjatiku Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika.

Wara l-Quddiesa ikollna 'get together' fis-St. Julian's Hall għall-membri tal-għaqdiet u l-familji tagħhom.

**IL-ĦAMIS 29 t'Awissu: JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

7.00 p.m. Quddiesa Folk. Wara l-Quddiesa isir Social u Disco fis-St. Julian's Hall. Id-dħul ikun b'xejn u l-biljetti jingħataw liż-żgħażagħ huma u deħlin il-Knisja għall-quddiesa.

**IL-ĠIMGĦA 30 t'Awissu: JUM IL-FAMILJA**

7.00 p.m. Quddiesa. Wara l-Quddiesa Innu, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Barka Sagramentali.

RAMM

**IS-SIBT 31 t'Awissu: LEJLIET IL-FESTA**

8.00 a.m. Quddiesa għall-Morda u x-Xjuħ tal-parroċċa minn Dun Franġisk Zammit. Wara l-Quddiesa jitkanta l-Innu, l-antifona u t-Te. Deum.

6.00 p.m. Translazzjoni tar-relikwija mill-Knisja l-Qadima.

6.30 p.m. Quddiesa. Wara l-quddiesa jitkanta l-Innu, Antifona, Ċelebrzzjoni Ewkaristika u Barka Sagramentali.

**IL-ĦADD 1 ta' Settembru: JUM IL-FESTA**

Fil-għodu ikollna quddies fis-6.00 a.m. 7.00 a.m. 8.00 a.m. 9.00 a.m. 11.00 a.m. u 12.00 a.m.

Fl-10.00 a.m. QUDDIESA KANTATA Solenni bl-omelija fuq San Ġiljan mill-W. Rev. Mons Guido Calleja.

Fis-6.30 p.m. Quddiesa mill-Wisq Rev. Kappillan Patri Damjan Cachia, Kappillan tal-Karmnu, Balluta.

Wara l-Quddiesa toħroġ il-Purċissjoni.

## FESTI TA' BARRA

**IL-ĠIMGĦA 30 t'Awissu:** Marċijiet mill-banda San Ġiljan. Jibdew fit-8.30 p.m. minn ħdejn il-Palma, jitilgħu ta' Giorni, B'Kara Hill, St. Angelo Street, Lapsi Stret, Main Street, Spinola ~~Bay~~. Rd u Mensija St

**IS-SIBT 31 t'Awissu: LEJLIET IL-FESTA**

8.30 p.m. Marċijiet mill-banda 'San Ġiljan'.

Rotta: St. George's Road, ~~Spinola Road, Mensija Street, St. George's Road,~~ Main Street, Grenfell Street, Spinola Bay.

11.00p. Logħob tan-nar (ġiġġifogu) fil-Bajja Spinola.

**IL-ĦADD 1 ta' Settembru: JUM IL-FESTA**

5.30 p.m. Logħob tal-Ġiostra fil-Bajja Spinola. Marċijiet mill-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop li tikkumpanja l-purċissjoni. F'xi d-9.30 p.m. (meta l-vara tkun dieħla minn fuq il-pont) issir esibizzjoni ta' murtali tal-kulur.

*(jaqbad minn paġna 13)*

varjeta tremenda ta' xogħlijiet, kemm ta' l-id kif ukoll tal-pinna. Ħaġa waħda hija kurjuża: għaliex ħafna jaħsbu li pajjiżna huwa abbundanti bis-sajieda u l-kaċċaturi, mentri fil-fatt, dawk li verament jaqilgħu il-ħobz ta' kuljum mis-sajd huma relattivament ftit. Il-kaċċaturi u s-sajjieda li hawn huma biss dilettanti, u s-sajd u l-kaċċa huwa biss passatemp għalihom. Madankollu, anke bħala dilettanti, ix-xogħol tagħhom jgħamluh tajjeb u mill-qalb.

Rigward il-ħajja reliġjuża, naħseb li għandna vantaġġ kbir fuq l-oħrajn minħabba l-istruttura moderna tal-Knisja Parrokjali. Il-mod kif il-fidili Ġiljaniżi jinġabru madwar l-altar f'għaqda waħda mas-saċerdot, jindika biżżejjed li s-sens ta' ambjent kommunitarju huwa aprezzat tajjeb ħafna. Il-Liturġija wkoll hija mifhuma w apprezzata ħafna; għalkemm illum il-ġurnata l-funzjonijiet reliġjużi naqsu, pero l-ftit li jsiru, jkunu organiżżati tajjeb ħafna.

Bħala konkluzjoni, tajjeb li ngħidu li kull moviment li jsir f'pajjiżna jkun qiegħed b'xi mod jikkontribwixxi għal progress soċjali ta' San Ġiljan, il-pajjiż li twieled bħala subborg u wasal biex kiber f'belt.

*JULIAN CASSAR*


**POST IDEALI GĦAT-TIEĠ TIEGĦEK**

**FIX-XITWA JEW FIS-SAJF**

**IL-GARDENS CLUB**

JOFFRI GĦAL TIĠIJIET jew PARTIES OĦRA

is-SWIMMING POOL SITE (OPEN AIR)

jew

is-SALA TAR-RESTAURANT

Għal kull informazzjoni ċempel

35871

TIMBERS — PLYWOOD — PAINTS — CEMENT —
NEOCAST (Reeded Hardboard) WALLBOARDS
SNOWCEM (Decorative Waterproof Coating) —
DECORATIVE CHALK PANELLING and
ALL OTHER BUILDING MATERIAL

# PETER CAMILLERI
# & SONS LTD.

ESTABLISHED 1856

Head Office
14, Cross Road,
Marsa.
Cables: Peter Malta

Stores:
3, 4, 5, 6, Church Wharf,
12, 15, 16, 17, 18 Cross Road.,
Marsa.
Telephone 25153 — 20258

**OKKAŻJONI UNIKA**

**TITLOB POST UNIKU**

AGĦMEL IR-RIĊEVIMENT TAT-TIEĠ TIEGĦEK

FIS-SALA SABIĦA U KBIRA TAL-

# HOTEL VILLA ROSA

qalb ħdura, u b'veduta tal-baħar mill-isbaħ

Tel. 30041

**FOR THE YOUNG IN FASHION......**

# JOHN GERANZI

**St. John Square,** **Tower Road,**

**Valletta.** **Sliema.**

FOR A GOOD APPETITE

TRY THE DELICIOUS

MACKEREL WEEKEND

Trade Enquiries:

Messrs: VINCENT SCHEMBRI

46, ST. PAUL STREET,

VALLETTA



HORLICKS

for VIGOUR HEALTH and VITALITY

Agents:

IMPEX LIMITED

"HORLICK COURT"

TOWER LANE

MSIDA



ENJOY YOUR SUMMER
with
SUNURA
Fruit
Squashes
A COLEIRO BROS. PRODUCT
TEL. No. 27748
MALTA PRODUCE
TRADE MARK REGISTERED
SUNURA
ORANGE SQUASH
PREPARED FROM THE JUICE OF SELECTED ORANGES
DILUTE TO TASTE
COLEIRO BROTHERS LTD
MALTA PRODUCE
SUNURA
STRAWBERRY
PREPARED FROM THE JUICE OF SELECTED STRAWBERRIES
DILUTE TO TASTE WITH MILK OR WATER
COLEIRO BROTHERS LTD
MALTA PRODUCE
SUNURA
ORGEAT
DILUTE TO TASTE WITH MILK OR WATER
COLEIRO BROTHERS LTD
MALTA PRODUCE
SUNURA
LEMON SQUASH
PREPARED FROM THE JUICE OF SELECTED LEMONS
DILUTE TO TASTE
COLEIRO BROTHERS LTD

**FOR ALL YOUR LAUNDRY REQUIREMENTS**

**call at**

# SQUARE DEAL

**PROMPT and RELIABLE SERVICE THROUGHOUT**

**CROSSROAD, MALTA**

Tel. 20800 — 20606

Branches at: ST. JULIAN'S
MARSA
SLIEMA
PAOLA

**MASTERS' HALL and STABLES**

# OLD VILLA ROSA

**St. George's Bay** **St. Julian's**

**Tel. 30041 — 30075** **Malta.**

Medieval Banqueting
with a full 3-hour show which ranges
from a not too accurate history of the Great Siege
to a remarkable demonstration of King Fu.

Sing along with the **GREENFIELDS** Folk Group

Atmosphere entirely Maltese

Souvenir is given

## BANDISTI ĠODDA MAL-BANDA TAGĦNA



*Il-bandisti l-ġodda (Fuq wara mix-xellug), Joe Mifsud (Clarinett.), Carmel Bonello (Trombone), Emmanuele Bonello (Clarinett).*

*(Fuq quddiem mix-xellug) John Schembri (Kurunetta), Martin Attard (Side Drum), Surmast tal-Banda Alfred Dimech A. Mus. L.C.M., John Zammit (Side Drum), Tessie Bonello (Flauto).*

Din is-sena hija waħda importanti fl-istorja tal-Każin tal-banda tagħna, għax sa naraw xi bandisti ġodda bl-istrument. Mhux għax hija xi ħaġa rari li qatt ma ġrat qabel! Imma għalina li issa ilns issnin ma jkollna bandist ġdid mal-banda tagħna dan huwa avveniment importanti, speċjalment meta niftakru li saru sforzi kbar biex inħajjru u nżommu alljevi ġodda.

Huwa sodisfazzjon kbir l-ewwelnett għall-bandisti ġodda, illi studjaw u stinkaw matul is-sena u issa qed jaraw il-ħolma tagħhom imwettqa. Huwa sodisfazzjon ukoll għas-surmast tal-Banda, illi bl-attenzjoni kontinwa, b'determinazzjoni u b'sens qawwi ta' dover wassal lil dawn l-alljevi għal-livell suffiċjenti biex ikunu jistgħu idoqqu mal-banda.

Din is-sena ukoll għandna novita' oħra għall-Banda tagħna: l-ewwel tfajla li qatt daqqet mal-banda ta' San Ġiljan. Nisperaw li l-eżempju ta' Tessie Bonello jħajjar lil tfajliet oħra biex huma wkoll jitgħallmu l-mużika u jdoqqu mal-banda.

ALWAYS INSIST ON

# FOSTER CLARK'S JELLY CRYSTALS

## STRAWBERRY FLAVOUR

**AVAILABLE IN THE FOLLOWING FLAVOURS**

- STRAWBERRY
- RASBERRY
- ORANGE
- LEMON
- LIME
- BANANA/STRAWBERRY
- CHERRY

Always include

**FOSTER CLARK'S JELLY CRYSTALS**

with your shopping

## MARĊI ĠODDA

### li sa jiżżanżnu mill-Banda ta' SAN ĠILJAN fl-okkażjoni tal-Festa.

1. Ningħaqdu flimkien .............. A. Dimech A. Mus., L.C.M.
2. Dedika lill-Ġiljaniżi .............. A. Dimech A. Mus., L.C.M.
3. Qawmien Ġdid ...................... A. Dimech A. Mus., L.C.M.

(B'dedika lill-allievi l-ġodda 1974)

4. Iċ-Ċerv .................................. A. Dimech A. Mus., L.C.M.
5. Atalasport ............................................ Ang. Pullicino.
6. Tifħir lil San Ġiljan .............................. Ang. Pullicino.
7. Balluta March ...................................... Ang. Pullicino.


# TOWER
## SELF SERVICE STORE

## 46 TOWER ROAD, SLIEMA

DIAL 32793

# TEFAL

Redg. Trade Mark

THE WORLD RENOWNED NON-STICK

COOKING UTENSILS

NOW AVAILABLE IN THREE GRADES

STOCKISTS:

## CALOR SHOWROOM

8, ZACHARY STREET
VALLETTA TEL. 25342



# PAUL AQUILINA

## GOLDSMITH

12, ST. MARK STREET,
VALLETTA.

TEL: 20270

# SINGER

FOR AN EVEN BETTER WAY OF LIVING

........................................

**TELEVISIONS**

**SEWING MACHINES — REFRIGERATORS**

**WASHING MACHINES**

**KNITTING MACHINES**

........................................

On all their products **SINGER** offer their renowned

**SINGER AFTER SALES SERVICE**

For repairs on household appliances and televisions **phone 21856**, for Sewing Machines **phone 24547**



# JOSEPH SCHEMBRI

118, MAIN STREET

ST. JULIAN'S

**FIRST CLASS BUTCHER**

DIAL 32611

# Fine furniture & furnishings



# at JOINWELL

- ★ G-Plan contemporary furniture
- ★ Reprodux reproduction furniture
- ★ Lampstands and shades
- ★ Soft furnishings–fabrics, carpeting and household linen

**Joinwell Showrooms**
Tower Road, Sliema. Tel. 34430




Let

# CASSAR & COOPER

(BAS (MALTA) LTD.) APPROVED IATA AGENTS

**plan your journey for you –
all the way**

CASSAR & COOPER
(BAS (MALTA) LTD)
Valletta Building, 54 South Street,
Valletta
Telephone 24226/7, 23231/2

Main Concourse, Luqa Airport
Telephone 22952/3/4/5

47 St. George's Road, St. Julian's
Telephone 30903, 37095/6




**Cassar & Cooper** - Good people to deal with

# TIGULLIO

**NIGHT CLUB & RESTAURANT**

**SPINOLA BAY**

**ST. JULIAN'S**

offers superb catering for private parties, engagements, weddings and other social functions at very moderate charges.

The Management of **TIGULLIO** notifies that they have just contracted the famous world renowned singer

# DEMIS ROUSSOS

**(The voice of Europe)**

to perform two seperate shows in Malta on the 21st & 22nd September 1974.

Bookings for the shows should be made immediately

Reservations: 37538

WEMBLEYS

MALTA'S LARGEST CAR HIRE FLEET

JOFFRULEK DAWN IL-KAROZZI

GĦAT-TIEĠ TIEGĦEK

SERVIZZ MILL-AQWA BI PREZZIJIET MODERATI



Head Office: 50, St. George's Road, St. Julians

Tel. 32074, 36649 — Cables: Venture Malta

Stampat fid-Dar San Ġużepp — Hamrun.